**Għażiż Hurry**

Jien u naħseb fuqek
Fiċ-ċert li ma ninsikx,
Issa li tbegħidt minnek
Mhux sejjer ma nibkikx.

Kemm niftakrek sewwa
Dejjem ferħan se ttir,
Qalbek tferra' mħabba
Tas-sema ikħal nir.

Għadni narak wieqaf
Kif rajtni kemm int fraħt,
Avolja kien billejl
Xorta lili daħħakt.

Għax int il-kbir Hurry
Imħejji biex tferraħ,
'l-Mulej tak kariżma
Biex lill-qlub isserraħ.

Dawk il-qlub imnikkta
Għat-telfa ta' għażiż,
Għalihom int Hurry
Ħabib ferħan qaddis.

Niggustak f'ħin l-ikel
Tħarisli bil-ħniena,
Ħa nagħtik minn ikli
Wara għall-benniena.

U meta tkun waħdek
Arak iddur mad-djar,
Ħa tferraħ lill-ġirien
Trid lil oħrajn aħjar.

U meta lkoll tlabna
Qgħadt mindud, sieket, fl-art,
Donnok ridt tfakkarna
Li f'ħin it-talb inġbart.

Għażiż ħabib ngħidlek:
"Fl-ikel ma nħobbx *curry*,
Imma lilek nħobbok
Tgħallimni ngħix Hurry!"

Patri Mario Attard OFM Cap
16 ta' Settembru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.